**KUNSILL LOKALI NADUR**
**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Nadur**

**GĦAXAR (10) LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru Tnejn (2)**

**It-Tnejn 8 ta' Lulju 2024**

Il-Kunsill Lokali tan-Nadur iltaqa' fis-Sala tal-Kunsill, fl-4:30pm.

PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Edward Said | Sindku |
| Kevin Curmi | Viċi Sindku |
| Eucharist Camilleri | Kunsillier |
| Rebecca Vella | Kunsillier |

UFFIĊJALI PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Sue-Ellen Buġeja | Segretarju Eżekuttiv |
| Kaitlyn Vella | Ambaxxatur Zgħazagħ |

Il-laqgħa bdiet bit-talba.

2.1. Qari tal-ittri ta' l-apoloġiji.

Ma kien hemm hadd assenti.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

# KUNSILL LOKALI NADUR

2.2. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti u Skeda tal-Pagamenti.

Il-Minuti tal-ewwel laqgħa ser jiġu approvati fil-laqgħa li jmiss.

2.3. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti;

Is-Sindku ta update fit-tul lil Kunsilliera l-ġodda fuq l-aħħar żviluppi dwar is-sitwazzjoni finanzjarja u l-kontijiet tal-bank. Hu ta update ukoll ta stima ta' dħul u ħrug li jkollu l-Kunsill ippreparat mill-Accountant tal-Kunsill. Kien hemm diversi mistoqsijiet u kummenti mill-Kunsilliera waqt din l-ispjegazzjoni.

Għad fadal jidħlu flus relatati mal-playing field ta' San Blas, tal-Milied 2023, u anke trid issir il-claim tal-Wirja Agrarja 2024.

Kien hemm xi kontijiet li daħlu fl-aħħar ġurnata, u dawn ġew spjegati lil Kunsilliera u aċċettati sabiex jidħlu fl-iskeda. Kien hemm qbil dwar l-iskeda ta' pagamenti.

2.4. Komunikazzjoni mis-Sindku, mistoqsijiet u żviluppi mil-Kunsilliera;

Is-Sindku ta Informazzjoni lil Kunsilliera l-ġodda dwar il-ħaddiema li għandu l-Kunsill kemm dawk full timers kif ukoll dawk tal-CWS, dwar xi kuntratti, xogħolijiet u professjonisti, ħinijiet tal-uffiċċju, il-fuljett tal-kunsill, il-parteċipazzjoni fiċ-Charter u l-FECC, ġemellaġġi u d-day centre tal-anzjani. Dawn għall-benefiċċju tal-Kunsilliera l-ġodda. Kien hemm diversi mistoqsijiet mill-Kunsilliera għal dawn l-iżviluppi.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

## KUNSILL LOKALI NADUR

2.5. Korrispondenza;

- Talba minn Joseph Engerer għal kollaborazzjoni f'Esibizzjoni F'Malta. Kien hemm qbil ta' kollaborazzjoni bl-ammont ta' 250 ewro u ser tattendi l-Kunsilliera Rebecca Vella.

- Charter (Desborough 19-22 September). Ser jattendi l-Kunsillier Eucharist Camilleri peress li qiegħed fil-Presidum u żewġ adulti oħra, fosthom is-Segretarja Sue Ellen Bugeja.

- Triq Ħanaq – Il-Kunsill irċieva ittra mill-Perit Scerri mibgħuta lil MGOZ rigward Triq Ħanaq biex tingħata t-tieni kisja qabel ikun hemm aktar ħsara għax imbgħad għalxejn.

- Librerija – Għandu jsir meeting on site mal-prinċipal rigward nuqqasijiet li jonqos flimkien mas-Sindku u l-Kunsilliera Rebecca Vella.

- Ittra mingħand l- Għaqda tan-Nar 29 ta' Gunju dwar kollaborazzjoni fi tlett attivitajiet. Kien hemm qbil li jingħata 150 ewro għal BBQ, 250ewro ghall-festa familja u 150 ewro għall-attivita ta' Settembru.

- Daħal ilment minn resident minn naħa tad-DLG ref 282/24, u dan ġie imwiegeb minn naħa tas-sindku.

- Ittra biex tinqara waqt laqgħa mingħand iz-Zgħazagħ Imnarja li tawgura lil Kunsill l-ġdid.

- Talba mingħand NTYC dwar kollaborazzjoni ta' farsa. Kien hemm qbil bl-ammont ta' 500 ewro kollaborazzjoni.

- No objection għal disabled parking fi Triq Il-Madonna ta' Fatima. Kien hemm qbil.

2.6 Twaqqif Bord Evalwazzjoni Offerti Pubblici u Zviluppi Offerti Pubblici.

Bord tal-Evalwazzjoni – Kien hemm qbil li jibqgħu jintuzaw Raymond Vella, Ines Buttigieg, Is-Segretarju Ezekuttiv, u William Sultana. Jekk tkun offerta aktar teknika jitqabdu professjonisti bhal l-Avukat Joshua Grech, Perita Mariella Xuereb, Accountant Michelle Sultana u Ing. Mario Cauchi.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

Rigward l-Offerta ghall-Latrina Ġdida f'San Blas– Il-Bord ser joħroġ daqt ir-rapport tal-evalwazzjoni li jiġi pprezentat fil-laqgħa li jmiss.

Rigward il-Latrina ta' Daħlet Qorrot din qed jieħu ħsieba Salvu Meilak u l-Latrina ta' Triq it-Tramuntana l-ħaddiema tal-CWS matul il-gurnata u anke Mary Farrugia.

Offerti Wine festival 2024

The Provision of lighting, electrical systems and ancillary equipment for the Nadur Delicata Wine festival 2024. Kien hemm offerta waħda li kienet konformi u l-orħos offerta li ġiet rakkommandata mill-Bord ta' l-Evalwazzjoni ta' D Illumination Ltd bl-ammont ta' 4,490 ewro eskluz VAT.

The Provision of a PA system for the Nadur Delicata Wine Festival 2024. Kien hemm offerta waħda li kienet konformi u l-orħos offerta li ġiet rakkommandata mill-Bord ta' l-Evalwazzjoni ta' Power Sound 3,384 euro eskluz VAT.

Kien hemm qbil li niġbru kwotazzjonijiet tal-palk, security u suppliers oħrajn fejn hemm bzonn. L-Entertainment huwa diga magħzul mill-Kunsill preċedent li huma The Travellers, Cash & Band, Jolene Samhan, Rebecca & The Passengers u Ronald Briffa (Pierre Zammit).

2.7. Zviluppi dwar progetti u skemi:

- Toroq Rurali M4.3 – Is-Sindku ta update dwar dan il-proġett, li qed joqrob lejn l-aħħar tiegħu.

- Il-Kunsill applika fuq SPI/SCI/05/2024 - Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali u Natalizji 2024-2025 ghall-Milied u l-Karnival - Din l-applikazzjoni ġiet approvata.

- Il-Kunsill applika ukoll fuq skemi ġodda - SPI/SCI/02/2024- Finanzjament – Komunitajiet aktar b'saħħithom u inklussivi (ghal equipment fil-Playing field tal-Ħali) u SPI/SCI/03/2024 - Inizjattiva

Finanzjarja Lokalitajiet aktar nodfa (ghall-Clean Up u Rizorsi) u Skema restawr Sqaqien u Niċeċ (MGOZ) (għall-Pjazzetta u Monument Ġnien il-Kunsill).

- Skema LESA- L-offerta tal-bini tal-latrina ta' San blas għalqet u qed jaħdem fuqha l-bord tal-evalwazzjoni u qed nistennew ukoll risposta fuq fondi minn naħa tad-DPF.

- SPI/SCI/4/2023 Skema Finanzjarja – Komunitajiet Aktar Siguri u Organizzati - Ser isir meeting mal-Kuntrattur ta' CCTV's.

2.8. Zviluppi dwar Attivitajiet, Inizzjattivi u Hidma Socjali:

- Nadur Saturdays – Sajf 2024. Dawn il-bands jitħallsu minn naħa ta' MGOZ u l-Kunsill jieħu ħsieb li jgħalaq toroq bi TM.

- Wine Festival. Ser jinbeda ir-reklamar. Fadal jiġu ordnati l-pulizija, Road runners, tintbgħat ittra lil Għaqdiet li interessati u hawn kien hemm qbil li tinqabez sena lil dawk li kienu s-sena l-oħra. Ser tiġi ordnata l-ambulanza, mobile toilets, skips, certifikazzjoni tal-gas u palk, avviz fil-gazzetta tal-gvern u nitkellmu mas-stands tal-ikel tas-soltu. Dawn u aktar skond il-bzonn.

- Baveno – 20 Sena Gemellagg. Is-Sindku ta update fuq l-20 sena Gemillaġġ ma' Baveno li ser jkun fit-13-17 ta' Novembru 2024 ġewwa Baveno fl-Italja u rega talab lil Kunsilliera l-ġodda biex jaraw jistawx jattendu.

- School Grannies Initiative - Is-Sindku ser jitkellem ma' Rebecca Vella fuqha u dawn ser jiehdu ħsieb tfal waqt il-ħrug u dħul. Is-Sindku qal li ga hemm min hu interessat.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

2.9. Materji Oħra:

- Sitwazzjoni Head Skola Nadur - Kien hemm qbil li l-Kunsilliera Rebecca Vella titkellem mal-Head l-ewwel biex tara l-pożizzjoni tagħha u imbgħad il-Kunsill joħrog stqarrija bil-permess tagħha.

- Kien hemm qbil li jsir trattament tas-sigar madwar Nadur minħabba mard minn Neville Mercieca.

- Kien hemm qbil wkoll li tinqala sigra mejta fi Triq Guze Ellul Mercer u jsir replacement. Ser nibdew il-proċess ma' ERA. Qed isir rapport minn espert.

- Qed isir traffic management Daħlet Qorrot għal yellow lines ħdejn rampa u xhin iddur qabel l-bajja u anke tabelli. Il-Kunsilliera Rebecca Vella għamlet suġġeriment rigward transport biex jitnaqqas traffiku. Is-Sindku qal li din ħaga li jrid jkun lest jidħol għalija l-privat izda nistgħu naraw il quddiem x'jista jsir aktar.

2.10. Rikjesti u Talbiet mill-Pubbliku.

2.10.1.Rikjesti mis-Sindku Edward Said:

- Talba għal bozza ġdida fi Triq ir- Ramla mal-Belvedere.
- Talba għal bozza ġdida fi Triq Duru fil-bidu in-naħa ta fuq.
- Talba biex jitranġa bil-konkrit fil-bidu ta' sqaq fi Triq Ramla.
- Talba għal yellow line faċċata tal-Knisja Qalb ta' Gesu fi Triq il-Knisja.
- Talba għal yellow line faċċata ta' garage fi Triq il-Madonna ta' Fatima.
- Talba għal yellow line magenb garage fi Triq Guze Ellul Mercer.
- Talba għal yellow lines f' Dahlet Qorrot mal-kantunieri il-koroħ.
- Jitkompla ħajt tas-sejjieħ San Blas.
- Jitranga ħajt tas-sejjieh il-Buskett.
- Jitranga ħajt tas-sejjieh fi Triq Grunju.
- Tikhil u ftit sement ma ċint fi Triq Vnuta.
- Sement ma bankini fi Triq Sopu.
- Tiswija ta' xi partijiet mill-bankini fi Triq Tramuntana ħdejn l-iskola.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA<br>Edward Said<br>Sindku | IFFIRMATA<br>Sue-Ellen Bugeja<br>Segretarja Ezekuttiva |

- Titranga parti minn rampa fi Triq Bingemma.
- Issir bankina quddiem garage fi Triq Dun Guzepp Vella.
- Jitranga bridge li jagħti fl-għelieqi f'San Blas.
- Jitranga injam tal-Bajja ta' San Blas.
- Tiswija ta tappieri fi Triq Guze Ellul Mercer u Triq il-Knisja.
- Talba għal Yellow lines fi Triq Wied Rihan.
- Talba yellow lines fi Triq Imgarr. Nitolbu lil TM u jsir site visit.

2.10.2. Rikjesti mingħand Il-Viċi Sindku Kevin Curmi

- Ċint bingemma biex jingħalaq.
- Duru sqaq biex isir bit-tarmak. Is-Sindku innota li dan huwa proġett u irridu naraw fuqu għax irid isir kollu u qed naraw mal-perit u nistgħux naslu għalih bil-fondi tagħna.
- Tad-Duru biex isir dog bin.
- Nibghatu korrispondenza rigward servizzi ta' drenaġġ fi Triq il-Qortin.
- Stop road markings fi triq Ramla l-Qadima c/w Xemmiex u Bingemma.
- Trailer abbandunat fi Triq ta' Kenuna - Inkellmu lil community police.
- Bollards biex jerġgħu jinghalqu fi Triq San Gwann.
- Telephone box pjazza – Nibgħatu e mail lil GO plc għal maintenance u jekk nistghux nuzawha għal book exchange.

2.10.3. Rikjesti mingħand il-Kunsilliera Rebecca Vella

- Talba lil WSC biex titranga tumbata qabel il-bajja ta' San Blas. Il-Kunsilliera ser tibgħat lil WSC għal meeting flimkien ma' l-Ingineer tal-WSC.
- Triq Girgor Buttigieg minħabba knis u bozza ġdida. Inriedu naraw hux lesti li teħel Bozza ma tagħħom.
- Triq San Guzepp minħabba knis u anke biex isir it-triq. Is-Sindku innota li din minn naħa ta' MGOZ trid isir u tigi diskussa fil-programm il-quddiem.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

2.10.4. Rikjesti mingħand il-Kunsillier Eucharist Camilleri

- Talba lil MGOZ dwar bankini tal-Housing Estate tal-Ħali.
- Talba għal qtugħ ta' ħaxix fi sqaq quddiem l-iskola
- Follow up għal yellow line ma TM fi Triq San Koronatu.

2.11. Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa spiċċat fis-7:00pm. Data tal-laqgħa li jmiss ser tkun diskussa aktar il quddiem.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva